C/2023/1213

28.11.2023

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda tal-Unjoni għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid skont l-Artikolu 97(4) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(C/2023/1213)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien xahrejn mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA TAL-UNJONI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT

Dunántúli / Dunántúl

PGI-HU-A1351-AM03

Data tal-applikazzjoni: 20.5.2020

1. Grupp applikant u interess leġittimu

Il-Kunsill tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Etyek-Buda

Il-Kunsill tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Etyek-Buda (Etyek-Budai Borvidék Hegyközségi Tanácsa), li qiegħed jissottometti l-applikazzjoni għal emenda, issottometta l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tal-IĠP Dunántúl.

Il-Kunsill tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun ta' Etyek-Buda qiegħed jirrappreżenta l-komunitajiet tal-inbid u l-kunsilli tal-komunitajiet tal-inbid li ġejjin, li appoġġaw it-talba għal emenda b'mod unanimu: Badacsonyi Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Badacsony); Balatonboglári Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Balatonboglár); Balatonfelvidéki Hegyközségi Tanács (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tal-Balatonfelvidék); Balatonfüred-Csopaki Borvidék Hegyközségi Tanács (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Balatonfüred-Csopak); Etyek-Budai Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Etyek-Buda); Móri Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Mór); Nagy-Somlói Borvidék Hegyközsége (il-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Nagy-Somló); Neszmélyi Borvidék Hegyközségi Tanács (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Neszmély); Pannonhalmi Borvidék Hegyközsége (il-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Pannonhalma); Pécsi Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Pécs); Pécsi Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Pécs); Hegyközségi Tanács Szekszárd (il-Kunsill tal-Komunitajiet tal-Inbid ta' Szekszárd); Tolnai Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Tolna); Villányi Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Villány); Zalai Borvidék Hegyközségi Tanácsa (il-Kunsill Reġjonali tal-Komunitajiet tal-Inbid tar-Reġjun tal-Inbid ta' Zala).

2. Intestatura fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott affettwata mill-emenda/i

☐ Isem il-prodott

☒ Kategorija tal-prodott tad-dwieli

☒ Rabta

☐ Restrizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni

3. Deskrizzjoni u raġunijiet għall-emenda

Inklużjoni tal-kategorija tal-prodott ta' inbid semifrizzanti bil-gass (Dokument Uniku, it-taqsima 3: Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli)

Emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tippermetti t-tqegħid fis-suq tal-prodott skont il-kategorija tal-prodott għall-IĠP Dunántúl / Dunántúli wkoll.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

Il-fabbriki tal-inbid bdew jagħmlu l-inbid semifizzanti bil-gass fiż-żona demarkata għexieren ta' snin ilu. Maż-żmien, il-konsumaturi bdew jassoċjaw mill-qrib lil dan l-inbid mar-reġjun Dunántúl (Transdanubia), u l-kwalità eċċezzjonali tiegħu kisbitlu reputazzjoni u rikonoxximent speċjali. Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura żvilupp ulterjuri tar-reputazzjoni tal-prodott, u li tarmonizza l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni tal-fabbriki tal-inbid fiż-żona demarkata. Fi snin reċenti, id-domanda tas-suq inbidlet dejjem aktar għall-inbid frizzanti bil-gass.

Intestaturi affettwati:

Intestatura II:	Deskrizzjoni tal-inbejjed (Dokument Uniku, punt 4: Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed
Intestatura III:	Prattiki enoloġiċi speċifiċi (Dokument Uniku, il-punt 5.1.2.: Prattiki enoloġiċi obbligatorji; il-punt 5.2.: Rendimenti massimi)
Intestatura V:	Rendiment massimu (Dokument Uniku, il-punt 5.2: Rendimenti massimi)
Intestatura VI:	Varjetajiet ta' dwieli permessi (Dokument Uniku, il-punt 7: Varjetà tad-dielja prinċipali (varjetajiet))
Intestatura VII:	Rabta maż-żona ġeografika (Dokument Uniku, punt 8.2: Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet
Intestatura VIII:	Rekwiżiti oħra (Dokument Uniku, punt 9: Rekwiżiti oħra essenzjali (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali).

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Dunántúli/ Dunántúl

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

IĠP - Indikazzjoni Ġeografika Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

9. Inbid semifrizzanti bil-gass

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

Inbid – abjad

Inbejjed bojod ħfief, li jvarjaw fil-kulur minn isfar ħadrani għal isfar dehbi, b'aroma ta' intensità medja u aċidi bbilanċjati.

* Il-limiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE japplikaw għall-qawwa alkoħolika totali massima u għad-diossidu tal-kubrit totali massimu.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	9
Aċidità totali minima	4 g/l espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

Inbid – aħmar

L-inbejjed ħomor ivarjaw fil-kulur minn aħmar krimżi għal aħmar rubin, u għandhom aroma ta' frott, livell medju ta' tannini, u aċidi armonjużi bbilanċjati.

* Il-limiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE japplikaw għall-qawwa alkoħolika totali massima u għad-diossidu tal-kubrit totali massimu.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	9
Aċidità totali minima	4 g/l espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	20
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

Inbid – rożè

L-inbejjed rożè jvarjaw fil-kulur minn lewn is-salamun għal aħmar ċar, b'aroma ta' intensità medja u aċidi bbilanċjati.

* Il-limiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE japplikaw għall-qawwa alkoħolika totali massima u għad-diossidu tal-kubrit totali massimu.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	9
Aċidità totali minima	4 g/l espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

Inbid semifrizzanti bil-gass — abjad

Dawn l-inbejjed ivarjaw minn abjad jagħti fl-aħdar għal isfar dehbi. Dawn għandhom riħa ta' frott, prinċipalment ta' frott taċ-ċitru, lanġas u tuffieħ aħdar. Dawn huma nbejjed ħfief b'togħma ħafifa, minbarra aċidi friski. It-togħmiet u l-aromi tal-inbid huma mtejba mid-diossidu tal-karbonju maħlul miżjud mal-inbid.

* Il-limiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE japplikaw għall-qawwa alkoħolika totali massima u għad-diossidu tal-kubrit totali massimu.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	9

Aċidità totali minima	4 g/l espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

Inbid semifrizzanti bil-gass — roża

L-inbejjed jistgħu jvarjaw minn lewn il-qoxra tal-basal ċara għal aħmar ċar. Għandhom riħa ta' frott (l-iżjed taċ-ċirasa u tal-frawli), u karattru vivaċi u frisk. It-togħmiet u l-aromi tal-inbid huma mtejba mid-diossidu tal-karbonju maħlul miżjud mal-inbid.

* Il-limiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE japplikaw għall-qawwa alkoħolika totali massima u għad-diossidu tal-kubrit totali massimu.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	9
Aċidità totali minima	4 g/l espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

Inbid semifrizzanti bil-gass — aħmar

L-inbejjed jistgħu jvarjaw minn lewn il-qoxra tal-basal ċara għal aħmar ċar. Għandhom riħa ta' frott (l-iżjed tal-għanbaqar, taċ-ċirasa u taċ-ċirasa qarsa), u karattru vivaċi u frisk. It-togħmiet u l-aromi tal-inbid huma mtejba mid-diossidu tal-karbonju maħlul miżjud mal-inbid.

* Il-limiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE japplikaw għall-qawwa alkoħolika totali massima u għad-diossidu tal-kubrit totali massimu.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	9
Aċidità totali minima	4 g/l espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

a. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

Regoli dwar il-metodu ta' tħarriġ tad-dwieli

Prattika ta' tħarriġ tad-dwieli

Fil-każ ta' vinji mħawla wara l-1 ta' Awwissu 2010: tħarriġ umbrella, Moser, Sylvos, b'zokk wieħed baxx, medju-għoli u għoli, Guyot, forma ta' purtiera waħda, bil-kuruna, gobelet u Lyra

Densità tat-tħawwil: minimu ta' 3 300 dielja għal kull ettaru.

Fil-każ ta' vinji mħawla qabel l-1 ta' Awwissu 2010, jistgħu jintużaw vinji li jużaw kwalunkwe metodu approvat minn qabel ta' kultivazzjoni u densità tat-tħawwil dment li l-vinja tkun qed tintuża.

Kontenut minimu ta' zokkor tal-għeneb espress bħala l-qawwa alkoħolika naturali u l-grad tal-most Ungeriż (MM)

Prattika ta' tħarriġ tad-dwieli

Fil-każ ta' nbid u nbid semifrizzanti bil-gass: 8 % vol, 13,4 MM

Metodu u data tal-ħsad

Prattika ta' tħarriġ tad-dwieli

Metodu ta' ħsad: huma permessi kemm il-ħsad manwali kif ukoll dak mekkaniku

Iffissar tad-data tal-ħsad: L-iktar data kmieni tal-ħsad hija l-1 ta' Awwissu kull sena.

Prattiki enoloġiċi mhux permessi

Prattika enoloġika speċifika

L-għeneb użat biex jiġi prodott l-inbid Dunántúli / Dunántúl jiġi pproċessat skont il-metodi ta' pproċessar ġenerali. Il-prattiki enoloġiċi elenkati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 ([2]), it-Tabella 2, ir-ringieli 11.1 u 11.3, ma humiex permessi.

b. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

Inbejjed u nbejjed semifrizzanti bil-gass

160 hl/ha

Inbejjed u nbejjed semifrizzanti bil-gass – ħsad manwali

22 700 kg għeneb għal kull ettaru

Inbejjed u nbejjed semifrizzanti bil-gass – ħsad mekkaniku

21 700 kg għeneb għal kull ettaru

6. **Żona ġeografika demarkata**

Iż-żona lejn il-lemin tal-fergħa prinċipali tax-Xmara Danubju fil-Kontej Baranya, Budapest u Pest, u ż-żoni tal-Kontej Fejér, Győr-Moson-Sopron, Komárom-Esztergom, Somogy, Tolna, Vas, Veszprém u Zala li huma kklassifikati bħal Klassi I u II tal-katast tar-reġjuni li jipproduċu l-inbid.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

aletta

alibernet

alicante boushet

bacchus

bianca

blauburger

blauer frühburgunder

([2]) ĠU L 149, 7.6.2019, p. 1.

blauer silvaner

budai - budai zöld

budai - zöld budai

budai - zöldfehér

budai - zöldszőlő

bíbor kadarka

cabernet franc - cabernet

cabernet franc - carbonet

cabernet franc - carmenet

cabernet franc - gros cabernet

cabernet franc - gros vidur

cabernet franc - kaberne fran

cabernet sauvignon

chardonnay - chardonnay blanc

chardonnay - kereklevelű

chardonnay - morillon blanc

chardonnay - ronci bilé

chasselas - chasselas blanc

chasselas - chasselas dorato

chasselas - chasselas doré

chasselas - chrupka belia

chasselas - fehér fábiánszőlő

chasselas - fehér gyöngyszőlő

chasselas - fendant blanc

chasselas - saszla belaja

chasselas - weisser gutedel

csabagyöngye - pearl of csaba

csabagyöngye - perla czabanska

csabagyöngye - perla di csaba

csabagyöngye - perle di csaba

csabagyöngye - perle von csaba

csabagyöngye - vengerskii muskatnii rannüj

csabagyöngye - zsemcsug szaba

cserszegi fűszeres

csomorika - csomor

csomorika - gyüdi fehér

csomorika - szederkényi fehér

csókaszőlő

domina

dornfelder

ezerfürtű

ezerjó - kolmreifler

ezerjó - korponai

ezerjó - szadocsina

ezerjó - tausendachtgute

ezerjó - tausendgute

ezerjó - trummertraube

furmint - furmint bianco

furmint - moslavac bijeli

furmint - mosler

furmint - posipel

furmint - som

furmint - szigeti

furmint - zapfner

generosa

hamburgi muskotály - miszket hamburgszki

hamburgi muskotály - moscato d'Amburgo

hamburgi muskotály - muscat de hambourg

hamburgi muskotály - muscat de hamburg

hamburgi muskotály - muszkat gamburgszkij

hárslevelű - feuilles de tilleul

hárslevelű - garszleveljü

hárslevelű - lindeblättrige

hárslevelű - lipovina

irsai olivér - irsai

irsai olivér - muskat olivér

irsai olivér - zolotis

irsai olivér - zolotisztüj rannüj

juhfark - fehérboros

juhfark - lämmerschwantz

juhfark - mohácsi

juhfark - tarpai

kadarka - csetereska

kadarka - fekete budai

kadarka - gamza

kadarka - jenei fekete

kadarka - kadar

kadarka - kadarka negra

kadarka - negru moale

kadarka - szkadarka

kadarka - törökszőlő

karát

királyleánka - dánosi leánka

királyleánka - erdei sárga

királyleánka - feteasca regale

királyleánka - galbena de ardeal

királyleánka - königliche mädchentraube

királyleánka - königstochter

királyleánka - little princess

korai piros veltelini - crvena babovina

korai piros veltelini - eper szőlő

korai piros veltelini - frühroter velteliner

korai piros veltelini - kis veltelini

korai piros veltelini - malvasia rossa

korai piros veltelini - piros malvazia

korai piros veltelini - velteliner rouge précoce

korai piros veltelini - veltlinske cervené skoré

korona

kék bakator

kékfrankos - blauer lemberger

kékfrankos - blauer limberger

kékfrankos - blaufränkisch

kékfrankos - limberger

kékfrankos - moravka

kéknyelű - blaustängler

kékoportó - blauer portugieser

kékoportó - modry portugal

kékoportó - portugais bleu

kékoportó - portugalske modré

kékoportó - portugizer

kövidinka - a dinka crvena

kövidinka - a dinka mala

kövidinka - a dinka rossa

kövidinka - a kamena dinka

kövidinka - a ruzsica

kövidinka - steinschiller

kövérszőlő - grasa

kövérszőlő - grasa de cotnari

leányka - dievcenske hrozno

leányka - feteasca alba

leányka - leányszőlő

leányka - mädchentraube

menoire

merlot

nektár

nero

olasz rizling - grasevina

olasz rizling - nemes rizling

olasz rizling - olaszrizling

olasz rizling - riesling italien

olasz rizling - risling vlassky

olasz rizling - taljanska grasevina

olasz rizling - welschriesling

ottonel muskotály - miszket otonel

ottonel muskotály - muscat ottonel

ottonel muskotály - muskat ottonel

pinot blanc - fehér burgundi

pinot blanc - pinot beluj

pinot blanc - pinot bianco

pinot blanc - weissburgunder

pinot noir - blauer burgunder

pinot noir - kisburgundi kék

pinot noir - kék burgundi

pinot noir - kék rulandi

pinot noir - pignula

pinot noir - pino csernüj

pinot noir - pinot cernii

pinot noir - pinot nero

pinot noir - pinot tinto

pinot noir - rulandski modre

pinot noir - savagnin noir

pinot noir - spätburgunder

pintes

piros bakator - bakar rózsa

piros bakator - bakator rouge

piros bakator - bakatortraube

piros veltelini - nagyságos

piros veltelíni - fleischtraube

piros veltelíni - somszőlő

piros veltelíni - velteliner rouge

piros veltelíni - veltlinské cervené

piros veltelíni - veltlinszki rozovij

pátria

pölöskei muskotály

rajnai rizling - johannisberger

rajnai rizling - rheinriesling

rajnai rizling - rhine riesling

rajnai rizling - riesling

rajnai rizling - riesling blanc

rajnai rizling - weisser riesling

rizlingszilváni - müller thurgau

rizlingszilváni - müller thurgau bijeli

rizlingszilváni - müller thurgau blanc

rizlingszilváni - rivaner

rizlingszilváni - rizvanac

rozália

rubintos

rózsakő

sagrantino

sauvignon - sauvignon bianco

sauvignon - sauvignon bijeli

sauvignon - sauvignon blanc

sauvignon - sovinjon

semillon - petit semillon

semillon - semillon bianco

semillon - semillon blanc

semillon - semillon weisser

syrah - blauer syrah

syrah - marsanne noir

syrah - serine noir

syrah - shiraz

syrah - sirac

szürkebarát - auvergans gris

szürkebarát - grauburgunder

szürkebarát - graumönch

szürkebarát - pinot grigio

szürkebarát - pinot gris

szürkebarát - ruländer

sárfehér

sárga muskotály - moscato bianco

sárga muskotály - muscat blanc

sárga muskotály - muscat bélüj

sárga muskotály - muscat de frontignan

sárga muskotály - muscat de lunel

sárga muskotály - muscat lunel

sárga muskotály - muscat sylvaner

sárga muskotály - muscat zlty

sárga muskotály - muskat weisser

sárga muskotály - weiler

sárga muskotály - weisser

tannat

tramini - gewürtztraminer

tramini - roter traminer

tramini - savagnin rose

tramini - tramin cervené

tramini - traminer

tramini - traminer rosso

turán

viktória gyöngye

viognier

vulcanus

zalagyöngye

zefír

zengő

zenit

zeus

zweigelt - blauer zweigeltrebe

zweigelt - rotburger

zweigelt - zweigeltrebe

zöld szagos - decsi szagos

zöld szagos - zöld muskotály

zöld szilváni - grüner sylvaner

zöld szilváni - silvanec zeleni

zöld szilváni - sylvánske zelené

zöld veltelíni - grüner muskateller

zöld veltelíni - grüner veltliner

zöld veltelíni - veltlinské zelené

zöld veltelíni - zöldveltelíni

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

8.1. *Inbid*

Deskrizzjoni taż-żona demarkata

Iż-żona tal-produzzjoni demarkata għall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta Dunántúli / Dunántúl tinkludi r-reġjun Transdanubia tal-Ungerija (bl-Ungeriż Dunántúl). Żewġ fatturi jżidu karattru sub-Mediterranju mal-klima kontinentali tar-reġjun: mill-Punent, il-flussi tal-arja jwasslu arja friska u umduża minn fuq l-oċean u l-muntanji, u min-Nofsinhar, l-arja tal-Mediterran twassal arja xotta u sħuna mill-Baħar Mediterran għal Transdanubia. Minħabba f'hekk, is-sajf huwa aktar umduż u inqas sħun milli fir-reġjun tal-Mediterran, filwaqt li l-ħarifa tkun aktar xemxija u xotta minn f'reġjuni oħra bi klima kontinentali.

It-temperatura medja annwali hija ta' 9-11 °C, u jkun hemm madwar 1 900 siegħa ta' xemx fis-sena. L-ammont annwali ta' xita jvarja bejn 600 u 800 mm. Il-pajsaġġ ta' Transdanubia huwa karatterizzat minn għoljiet u sriebet ta' muntanji medji u għoljin. Karatteristika importanti ta' dan il-pajsaġġ hija li hemm xmajriet, xmajjar, u xi ftit lagi viċin tal-maġġoranza tal-insedjamenti. Il-ħamrija taż-żona tal-produzzjoni demarkata hija ħamrija tal-foresta kannella tat-tip Rhamann b'illuvjazzjoni tat-tafal.

Deskrizzjoni tal-inbejjed

It-tipi kollha tal-inbejjed Dunántúli / Dunántúl huma karatterizzati minn aroma diskreta ta' intensità medja, aċidi bbilanċjati, u huma ħfief u friski.

Il-vitikultura wkoll kellha rwol ewlieni fil-ħajja tal-ewwel abitanti Ungeriżi fi Transdanubia u kienet sors prinċipali ta' introjtu għall-abitanti lokali: bħala prodott ta' esportazzjoni importanti, l-inbid kien ittrasportat fi kwantitajiet kbar lejn pajjiżi ġirien.

Preżentazzjoni u turija tar-rabta kawżali

Minħabba l-flussi tal-arja mill-Punent li jinfluwenzaw il-klima ta' Transdanubia, hemm biżżejjed xita anke fil-perjodu tas-sajf, u għalhekk l-għadd ta' jiem niexfa huwa relattivament baxx meta mqabbel ma' reġjuni kontinentali oħra fuq l-istess latitudni. Bis-saħħa tal-kapaċità ta' żamma tal-ilma tal-ħamrija tal-foresta kannella, id-dwieli għandhom provvista suffiċjenti ta' ilma, anke fis-sħana tas-sajf.

B'mod tipiku, il-produtturi taż-żona tal-produzzjoni jħawlu l-varjetajiet ta' għeneb karatteristiċi, medji tardivi (eż. Kadarka, Kékoportó) u ta' tisjir tardiv (eż. Olaszrizling, Kékfrankos, Szürkebarát) tal-IĠP Dunántúli / Dunántúl fuq l-inklinazzjonijiet li jħarsu lejn in-Nofsinhar, ix-Xlokk u l-Lbiċ. Ir-raġġi tax-xemx li jiġu riflessi mill-wiċċ tal-ilma tax-xmajriet, tax-xmajjar jew tal-lagi fuq l-għoljiet il-baxxi ta' dawn l-inklinazzjonijiet jgħinu biex l-għeneb isir fil-ħarifa twila u xemxija li hija attribwibbli għall-antiċikluni Mediterranji, li jagħti lill-inbejjed Dunántúli / Dunántúl l-aċidità bbilanċjata u matura, kif ukoll ir-rikkezza tat-togħma tagħhom, u lill-inbejjed rożè u ħomor it-tannini bellusin u eleganti.

8.2. *Inbid semifrizzanti bil-gass*

Deskrizzjoni taż-żona demarkata

Iż-żona tal-produzzjoni demarkata għall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta Dunántúli / Dunántúl tinkludi r-reġjun Transdanubia tal-Ungerija (bl-Ungeriż Dunántúl). Żewġ fatturi jżidu karattru sub-Mediterranju mal-klima kontinentali tar-reġjun: mill-Punent, il-flussi tal-arja jwasslu arja friska u umduża minn fuq l-oċean u l-muntanji, u min-Nofsinhar, l-arja tal-Mediterran twassal arja xotta u sħuna mill-Baħar Mediterran għal Transdanubia. Minħabba f'hekk, is-sajf huwa aktar umduż u inqas sħun milli fir-reġjun tal-Mediterran, filwaqt li l-ħarifa tkun aktar xemxija u xotta minn f'reġjuni oħra bi klima kontinentali.

It-temperatura medja annwali hija ta' 9-11 °C, u jkun hemm madwar 1 900 siegħa ta' xemx fis-sena. L-ammont annwali ta' xita jvarja bejn 600 u 800 mm. Il-pajsaġġ ta' Transdanubia huwa karatterizzat minn għoljiet u sriebet ta' muntanji medji u għoljin. Karatteristika importanti ta' dan il-pajsaġġ hija li hemm xmajriet, xmajjar, u xi ftit lagi viċin tal-maġġoranza tal-insedjamenti. Il-ħamrija taż-żona tal-produzzjoni demarkata hija ħamrija tal-foresta kannella tat-tip Rhamann b'illuvjazzjoni tat-tafal.

Deskrizzjoni tal-inbejjed

Karatteristika speċifika tal-inbejjed semifrizzanti bil-gass hija li d-diossidu tal-karbonju miżjud jagħmel l-inbejjed ħfief u l-aċidi friski aktar intensi fi kwalunkwe lott partikolari, li jtejjeb is-sensazzjoni friska u armonjuża ta' frott.

L-inbejjed semifrizzanti bil-gass Dunántúli / Dunántúl għandhom livell ta' aċidità armonjuż tal-inqas medju, u freskezza, b'noti li jfakkru fil-frott taċ-ċitru, fit-tuffieħ u anke fil-lanġas frisk.

Preżentazzjoni u turija tar-rabta kawżali

Il-klima tar-reġjun ta' Transdanubia huwa adatt għall-produzzjoni ta' nbejjed bojod ħfief u friski, inbejjed roża rikki u nbejjed ħomor ħfief, li jiffurmaw bażi eċċellenti għall-produzzjoni ta' nbejjed semifrizzanti bil-gass.

Billi mmonitorjaw b'mod kontinwu id-domanda tas-suq u grazzi għall-avvanzi fit-teknoloġija kompetittiva, il-fabbriki tal-inbid bdew jagħmlu nbid semifrizzanti bil-gass fiż-żona demarkata bosta deċennji ilu. Matul iż-żmien, il-konsumaturi bdew jassoċjaw mill-qrib lil dan l-inbid mar-reġjun ta' Transdanubia, u l-kwalità eċċezzjonali tiegħu kisbitlu reputazzjoni u rikonoxximent speċjali.

Kif huwa spjegat fil-każ tal-inbejjed, minħabba l-flussi tal-arja mill-Punent li jinfluwenzaw il-klima ta' Transdanubia, hemm ammont suffiċjenti ta' xita anke fil-perjodu tas-sajf, u l-għadd ta' jiem niexfa huwa relattivament baxx meta mqabbel ma' reġjuni kontinentali oħra fuq l-istess latitudni. Bis-saħħa tal-kapaċità tat-tipi ta' ħamrija forestali kannella li jżommu l-ilma, id-dwieli għandhom provvista suffiċjenti ta' ilma anke fis-sħana tas-sajf. Dan il-fenomenu naturali jiżgura li l-varjetajiet ta' dwieli mkabbra f'din iż-żona għandhom kompożizzjoni ta' aċidu delikata u armonjuża u jżommu l-aromi ta' frott primarji tagħhom. Il-freskezza u t-togħma ta' frott karatteristiċi tal-inbejjed semifrizzanti bil-gass Dunántúli / Dunántúl huma dovuti għal dan il-fenomenu naturali partikolari u għall-varjetajiet ta' dwieli mkabbra hemm.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Regoli dwar id-denominazzjoni tal-protezzjoni tal-kategorija ta' oriġini

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Regoli dwar l-indikazzjonijiet:

L-espressjoni "oltalom alatt álló földrajzi jelzés" [Indikazzjoni Ġeografika Protetta] tista' tiġi sostitwita bl-espressjoni tradizzjonali "tájbor" [inbid lokali].

It-traduzzjoni bl-Ingliż "Transdanubia" tista' tidher fl-istess kamp viżiv bħall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta Dunántúli / Dunántúl.

Regoli dwar l-espressjonijiet li jistgħu jiġu indikati

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Inbid – abjad:

— “Vendemmja verġni” jew “első szüret” [l-ewwel ħsad]

— “Muskotály” [Muscat]

— “Cuvée” jew “küvé”

— “Szűretlen” [Mhux iffiltrat]

— “Primőr” [Primeur] jew “Újbor” [Inbid ġdid]:

— “barrique”, jew “barrique-ban erjesztett” [iffermentat fil-barrique], jew “...hordóban erjesztett” [... iffermentat fil-bettija], jew “barrique-ban érlelt” [imqaddem fil-barrique] jew “...hordóban érlelt” [imqaddem fil-bettija]

Inbid – rożè:

— “Vendemmja verġni” jew “első szüret” [l-ewwel ħsad]

— “Cuvée” jew “küvé”

— “Szűretlen” [Mhux iffiltrat]

— “Primőr” [Primeur] jew “Újbor” [Inbid ġdid]:

Inbid – aħmar:

— “Siller”

— “Vendemmja verġni” jew “első szüret” [l-ewwel ħsad]

— “Cuvée” jew “küvé”

— “Szűretlen” [Mhux iffiltrat]

— “Primőr” [Primeur] jew “Újbor” [Inbid ġdid]:

— “barrique”, jew “barrique-ban erjesztett” [iffermentat fil-barrique], jew “...hordóban erjesztett” [... iffermentat fil-bettija], jew “barrique-ban érlelt” [imqaddem fil-barrique] jew “...hordóban érlelt” [imqaddem fil-bettija]

Inbid semifrizzanti bil-gass - abjad:

— “Vendemmja verġni” jew “első szüret” [l-ewwel ħsad]

— “Muskotály” [Muscat]

— “Cuvée” jew “küvé”

— “Primőr” [Primeur] jew “Újbor” [Inbid ġdid]:

Inbid semifrizzanti bil-gass – rożè:

— “Vendemmja verġni” jew “első szüret” [l-ewwel ħsad]

— “Cuvée” jew “küvé”

— “Primőr” [Primeur] jew “Újbor” [Inbid ġdid]:

Inbid semifrizzanti bil-gass – aħmar:

— “Vendemmja verġni” jew “első szüret” [l-ewwel ħsad]

— “Cuvée” jew “küvé”

— “Primőr” [Primeur] jew “Újbor” [Inbid ġdid]:

Regoli dwar l-espressjoni “muskotály”

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Bħala espressjoni ristretta, "muskotály" tista' tidher biss fuq it-tikkettar tal-inbejjed bil-kompożizzjoni varjetali li ġejja:

i) mill-inqas 85 % (eskluża l-kwantità ta' prodotti użati għat-taħlil) irid ikun Csabagyöngye, Hamburgi muskotály, Mátrai muskotály, Cserszegi fűszeres, Irsai Olivér, Nektár, Ottonel muskotály, Pölöskei muskotály, Sárga muskotály, jew Zefír;

ii) sa 15 % irid ikun Bacchus, Piros Bakator, Bianca, Blauer Silvaner, Budai, Chardonnay, Chasselas, Csomorika, Ezerfürtű, Ezerjó, Furmint, Generosa, Hárslevelű, Juhfark, Karát, Kéknyelű, Királyleányka, Korai piros veltelíni, Korona, Kövérszőlő, Kövidinka, Leányka, Olasz rizling, Pátria, Pinot blanc, Pintes, Piros veltelíni, Rajnai rizling, Rizlingszilváni, Rozália, Rózsakő, Sárfehér, Sauvignon, Semillon, Szürkebarát, Tramini, Viktória gyöngye, Vulcanus, Zala gyöngye, Zengő, Zenit, Zeus, Zöld veltelíni, Zöld szagos, Zöld szilváni, jew Viognier.

Il-produzzjoni barra miż-żona ta' produzzjoni demarkata:

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Il-prodotti tal-inbid Dunántúli / Dunántúl jistgħu jiġu prodotti biss fiż-żona demarkata jew, minħabba tradizzjonijiet storiċi, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/33, l-Artikolu 5(1a), fil-muniċipalitajiet li ġejjin ta' żewġ kontej li jinsabu fil-viċinanza taż-żona demarkata:

— Il-Kontea ta' Bács-Kiskun:

Akasztó, Apostag, Ágasegyháza, Baja, Ballószög, Balotaszállás, Bácsalmás, Bácsszőlős, Bátmonostor, Bócsa, Borota, Bugac, Császártöltés, Csátalja, Csávoly, Csengőd, Csikéria, Csólyospálos, Dávod, Dunapataj, Dunavecse, Dusnok, Érsekcsanád, Érsekhalma, Felsőlajos, Fülöpháza, Fülöpjakab, Fülöpszállás, Hajós, Harkakötöny, Harta, Helvécia, Imrehegy, Izsák, Jakabszállás, Jánoshalma, Jászszentlászló, Kaskantyú, Kecel, Kecskemét, Kelebia, Kéleshalom, Kerekegyháza, Kiskőrös, Kiskunfélegyháza, Kiskunhalas, Kiskunmajsa, Kisszállás, Kunbaja, Kunbaracs, Kunfehértó, Kunszállás, Kunszentmiklós, Ladánybene, Lajosmizse, Lakitelek, Mélykút, Móricgát, Nagybaracska, Nemesnádudvar, Nyárlőrinc, Orgovány, Páhi, Pirtó, Rém, Solt, Soltszentimre, Soltvadkert, Sükösd, Szabadszállás, Szank, Szentkirály, Tabdi, Tázlár, Tiszaalpár, Tiszakécske, Tiszazug, Tompa, Vaskút, Zsana.

u

— Il-Kontea ta' Pest:

Abony, Albertirsa, Budapest-Rákosliget, Cegléd, Ceglédbercel, Csemő, Dány, Dömsöd, Gomba, Hernád, Inárcs, Kakucs, Kerepes, Kisnémedi, Kocsér, Kóka, Mogyoród, Monor, Monori erdő, Nagykőrös, Nyársapát, Ócsa, Őrbottyán, Örkény, Pilis, Ráckeve, Szada, Szigetcsép, Szigetszentmárton, Szigetújfalu, Tápiószele, Tápiószentmárton, Tóalmás, Tököl, Újlengyel, Vác, Vácegres, Vácrátót, Veresegyház,

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://boraszat.kormany.hu/download/4/4c/e2000/DUNANTUL_OFJ_termekleiras%20v3_boraszat_220405.pdf